# Il-Knisja Parrokkjali

L-idea li tinbena knisja ġdida kienet ta' Dun Edgar Vella Anastasi, ir-rettur ta' l-oratorju ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Għalhekk hu xtara biċċa art ta' madwar 655 metru kwadru fi Triq Lord Lloyd għas-somma ta' Lm108 mingħand is-Sur Pawlu Grixti. Il-kuntratt kien sar fl-24 t'April 1957 għand in-nutar John Tabone Adami.



Id-disinn tal-knisja sar minn Ġuże` Damato, bil-perit Karmenu Cumbo jiffirma l-pjanti. Malli nbeda x-xogħol il-flus miġbura minn Dun Edgar spiċċaw fix-xejn u hawnhekk hu kellu jirrikorri għand il-kurja. Din selfitu Lm 3,000 fl-10 ta' Diċembru 1958 u Lm 5,000 oħra fil-25 ta' Jannar ta' l-1961.

L-ewwel ma sar kien it-tħaffir tal-blat u nbniet u ssaqfet is-sala ta' taħt il-knisja. Aktar tard din is-sala ssemmiet propju għal Dun Edgar. Fit-23 ta' Marzu 1958 tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' dan it-tempju mill-Isqof Emmanuel Galea. Waqt din l-okkażjoni ġew ukoll esposti għall-pubbliku l-pjanti ta' dan il-proġett.



Fil-bidu t'Awissu ta' l-1963 ix-xogħol tal-bini kien lest u fis-16 ta' l-istess xahar waqt ċerimonja sabiħa, il-knisja tbierket mill-Isqof Emmanuel Galea. Dak inhar tqaddset l-ewwel quddiesa fuq l-altar li kien mogħti ftit qabel lill-knisja mis-sur Antonio Theuma. Imbagħad fl-20 t'Awissu, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi ikkonsagra lil dan l-istess altar.

Fl-1 ta' Lulju 1966, l-knisja ta' l-Immakulata Kunċizzjoni saret Viċi-Parroċċa, b'digriet li kien maħruġ mill-Arċisqof Mikiel Gonzi nhar il-15 ta' Ġunju 1966. Imbagħad b'digriet ieħor din id-darba maħruġ fit-28 ta' Diċembru 1967, il-Kurja ta' Malta ħabbret it-twaqqif ta' din il-parroċċa, taħt it-titolu ta' l-IMMAKULATA



KUNĊIZZJONI TAL-VERĠNI MARIJA. Dan id-digriet ġie fis-seħħ nhar l-ewwel ta' Lulju 1968.

L-istil li bih hija mibnija l-knisja jqarreb ħafna lejn il-Joniku. Fil-faċċata, fin-nofs jinsab il-bieb prinċipali u fuqu hemm tieqa kbira nofs tond. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali hemm żewġ bibien laterali, u fuqhom żewġ twieqi tondi dekorati b'lavur ħafif.



Fil-faċċata nsibu ukoll sitt kolonni kwadri bi 23 filata u kapitell Joniku. Fuqhom hemm fontispizju u gwarniċ maħduma fuq l-istess stil. Fuq il-fontispizju hemm l-statwa ta' Marija Immakulata li nħadmet minn George Atkins fl-1988.

Il-koppla tal-knisja hi maħduma bil-konkos rinfurzat, u sserraħ fuqha hemm lanterna li fiha 48 tieqa u li tlestiet fil-5 ta' Diċembru 1970 fuq disinn tal-perit Aquilina. Biswit il-koppla hemm il-kampnar maħdum bil-ġebla tal-franka bi stil Joniku ħafif.

Il-knisja għandha għamla rettangulari b'qies ta' 44 metru tul u 14-il metru wiesgħa. Il-paviment tal-knisja hu tal-granit griż tat-tip *Sardo Grigio* u b'zewg faxxi granit aħmar tat-tip *Cappo Bonito* tul il-korsija.



Fuq il-presbiterju hemm tliet kappelluni fejn f'dak tan-nofs hemm it-titular u taħtu seba' rappreżentazzjonijiet maħduma fil-mużajk mid-ditta T. Sarti ta' Pietrasanta fl-1983.

Il-presbiterju hu l-akbar opra li nsibu fil-knisja. Ix-xogħol sar mid-ditta Spiteri Sacco fl-1982 fuq id-disinn tas-saċerdot Taljan Valerio Vigorelli. Dan il-presbiterju hu mqiegħed skond kif tgħid il-Liturġija moderna tal-Konċilju Vatikan II.

L-aħħar nett ħdejn il-bibien ta' barra nsibu żewġ niċ eċ, waħda għall-istatwa ta' Marija Immakulata u l-oħra għal San Ġużepp. Fuqhom imbagħad hemm żewġ niċeċ oħra li sal-ġurnata tal-lum għadhom vojta u fin-nofs gallerija bil-lavur fil-ġebla tal-franka.